26 ta' April, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonia Mizzi *versus* Stanley Chapman et.

**Atti Ġudizzjarji — Nota ta' l-Eċċezzjonijiet — Dikjarazzjoni — Riferenza — Nullità — Kontumaċja — Art. 158 u 159 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi hija kategorika fejn timponi li d-dikjarazzjoni miġjuba man-nota ta' l-eċċezzjonijiet għandha jkun fiha miġjuba ċari u ħaġa b'ħaġa l-fattijiet li fuqhom tkun bażata l-oppożizzjoni għat-talba attriċi; u dan ifisser li dawk il-fattijiet ma jistgħux jingiebu mill-konvenut b'sempliċi riferenza.*

*In-nota ta' l-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni huma kunsidrati bħala ħaġa waħda; u jekk id-dikjarazzjoni ma tkunx magħmula skond il-liġi, jiġi li l-istess ma tkunx valida, u jiġi wkoll li tkun ġiet preżentata nota ta' l-eċċezzjonijiet mingħajr dikjarazzjoni magħha—ħaġa li ġġib magħha l-kontumaċja tal-konvenut.*

*Imma meta l-konvenut ikun ippreżenta regolarment in-nota ta' l-eċċezzjonijiet bid-dikjarazzjoni magħha, imma ma jkunx uniforma ruħu għal kollox ma' dak li trid il-liġi dwar il-forma, ikun il-każ ta' irregolarità fil-forma ta' att ġudizzjarju; fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna l-kanċellament, jew l-issfila ta' l-att, jew is-sostituzzjoni tiegħu b'att ieħor.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti eżerċitat din id-diskrezzjoni, billi tat lill-konvenut l-opportunità li jissostitwixxi n-nota ta' l-eċċezzjonijiet li ma kienetx għal kollox skond il-liġi, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, wara li ppremettiet illi hija, fl-ewwel ġimgħa ta' Frar 1950, konsenjat, taħt ċirkustanzi għaliha dolorużi, lil bintha Teresa Mizzi, li twieldet "ex ignoto patre" fit-13 ta' Jannar 1950, lill-konvenuti in kustodja; u billi l-imsemmija konjuġi Chapman qegħdin jirrifjutaw li jikkonsenjaw lill-istess attriċi 'l fuq imsemmija tarbija Teresa Mizzi, bintha; u illi fuq analoga domanda avanzata mill-attriċi b'ċitazzjoni nru. 447 ta' l-1950, dina l-Qorti, b'sentenza tad-9 ta' Mejju 1950, kundannat lill-konvenuti biex jikkonsenjaw lill-attriċi t-tifla Teresa Mizzi fi żmien erba' u għoxrin siegħa, bil-provvedimenti kontemplati fl-istess sentenza; u illi in pendenza ta' l-appell interpost mill-konvenuti avvers is-sentenza fuq imsemmija, l-attriċi, indotta minn biża' u dolo għad-dannu tagħha inkuss u adoperat, irrinunzjat għall-atti tal-kawża b'nota ippreżentata quddiem il-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ġunju 1950; premessa d-dikjarazzjoni, jekk ikun hemm bżonn, illi l-istess rinunzja da parti ta' l-attriċi hija nulla u ma ppreġudikatx id-drittijiet tagħha, bħala li ġiet kaġunata b'dolo u biża', u kellha bħala oġġett dritt li mhux rinunzjabili; talbet illi l-konvenuti jiġu kundannati li jikkonsenjaw lill-attriċi, f'terminu qasir u perentorju, il-fuq imsemmija tarbija Teresa Mizzi, bintha. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq il-kwistjoni sollevata mill-attriċi;

Illi l-attriċi tibbaża t-talba tagħha fuq iċ-ċirkustanza illi n-nota ta' l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija hija nulla, peress li ma ġietx akkompanjata mid-dikjarazzjoni li trid il-liġi, li fiha

għandhom jiġu esposti l-fatti li fuqhom huma bażati l-eċċezzjonijiet, u mhux b'sempliċi riferenza għal attijiet oħrajn;

Illi skond l-art. 158 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-konvenut li ma jkunx biħsiebu jammetti t-talba miġjuba mill-attur fiċ-ċitazzjoni għandu, fiż-żmien stabbilit mill-liġi, jippreżenta nota li jkun fiha, barra xi ħwejjeġ oħra, miġjubin ċari u ħaġa b'ħaġa l-fattijiet li fuqhom huwa jibbaża l-oppożizzjoni tiegħu, u li hu jew persuna oħra li jsemmi f'dik id-dikjarazzjoni jkun jaf bihom;

Illi l-konvenuti ppreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fuq imsemmijin; imma, kif tajjeb osservat l-attriċi, id-dikjarazzjoni preżentata minnhom ma fihiex miġjuba l-fattijiet li fuqhom huma jibbażaw l-oppożizzjoni tagħhom. Bħala bażi għal din l-oppożizzjoni l-konvenuti ma għamlux ħaġ'oħra ħlief sempliċement irriferew għall-kawża msemmija fl-istess dikjarazzjoni;

Illi l-liġi hija kategorika f'dan ir-rigward, u timponi li d-dikjarazzjoni miġjuba man-nota ta' l-eċċezzjonijiet ikun fiha miġjubin "ċari u ħaġa b'ħaġa" l-fattijiet li fuqhom issir il-bażi għall-oppożizzjoni tat-talba. Dan juri ċar li l-fattijiet ta' l-oppożizzjoni ma jistgħux jinġiebu mill-konvenut b'sempliċi riferenza. Infatti, l-iskop li għalih il-leġislatur, bl-emendi tas-sena 1934 u tas-sena 1935, impona d-dikjarazzjoni fuq imsemmija kien, kif jidher, dak, fost oħrajn, illi l-Qorti, qabel it-trattazzjoni tal-kawża, ikollha preżenti l-kwistjonijiet kollha, tant min-naħa ta' l-attur kemm minn dik tal-konvenut, sabiex il-kawża tkun tista' tiġi trattata u konkluża (Kollez. Vol. XXXII—I—228). Lanqas ix-xhieda li l-partijiet, l-attur jew il-konvenut, ikunu jridu jġibu fil-kawża ma jistgħu jiġu ndikati b'riferenza (Kollez. Vol. XXIX—I—511); u għalhekk iżjed u iżjed ma jistgħux jinġiebu b'riferenza l-fattijiet ta' l-oppożizzjoni tal-konvenut għat-talba ta' l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi tissottometti li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti hija nulla, u konsegwentement għandha tiġi sfilzata. Dina s-sottomissjoni tidher li għandha bħala bażi l-fatt li, skond il-ġurisprudenza, in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni huma kunsidrati bħala ħaġa waħda, b'mod li ma tis-

tax tiġi preżentata, għax ma tkunx aċċettata, nota ta' eċċezzjonijiet mingħajr ma jkollha magħha dikjarazzjoni tal-fattijiet. U jekk id-dikjarazzjoni ma tkunx magħmula skond il-liġi, jiġi li l-istess ma tkunx valida u qisha ma saret qatt, u jiġi wkoll li tkun ġiet preżentata nota ta' l-eċċezzjonijiet mingħajr dikjarazzjoni magħha — ħaġa li ġġib magħha l-kontumaċja tal-konvenut, għaliex ikun l-istess bħal li kieku dan ikun naqas li jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi, però, għandu jiġi kunsidrat illi l-konvenuti ppreżentaw regolarment in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u anki d-dikjarazzjoni; biss, huma ma uniformawx ruħhom għal kollox għal dak li trid il-liġi dwar il-forma ta' l-istess dikjarazzjoni. F'każ ta' irregolarità fil-forma ta' l-atrijiet huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tordna l-kanċellament, u l-isfilz jew il-bdil b'ieħor, ta' kull att li ma jkunx sar skond id-dispożizzjoni tal-liġi (art. 159 (2) Kap. 15), skond iċ-ċirkustanzi tal-każ. U fiċ-ċirkustanzi tal-każ attwali ma jidhirx, fil-fehma ta' dina l-Qorti, li għandu jiġi dikjarat li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti hija nulla. Ma għandhiex lanqas tkun inosservata ċ-ċirkustanza — li għad li l-konvenuti ma ġiebuhiex 'il-quddiem dina l-Qorti tħoss li għandha tirrilevaha — li l-konvenuti ġew notifikati biċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi fil-5 ta' April 1951, meta l-jum mogħti għall-ewwel smiegħ tal-kawża kien it-12 ta' l-istess xahar, u għalhekk huma ma kienux notifikati b'dak l-att fit-terminu legali. Għalhekk huma setgħu, kieku riedu, talbu żmien ulterjuri biex jippreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet; u f'każ li fit-12 ta' April 1951 huma ma ppreżentawx in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, din il-Qorti, għar-raġuni fuq imsemmija, kien ikollha, anki fin-nuqqas tal-preżenza tagħhom, tħalli l-kawża għal darb'oħra, biex il-konvenuti eventwalment jippreżentaw dik in-nota. Fil-fatt il-konvenuti ma rrinunzjawx għall-benefiċċju tat-terminu, u kwindi għad jistgħu, għad li ma għamlux din it-talba, jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet oħra b'dikjarazzjoni magħha skond il-liġi. Dawn huma fatturi li, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, jimmilitaw biex ma tiġix dikjarata n-nullità tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, imma li jingħata l-provvediment li ġej:

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddikjara illi d-dikjarazzjoni miġjuba mill-konvenuti

man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom hija irregolari, għaliex ma fihiex miġjuba l-fattijiet li fuqhom huma jibbażaw l-oppożizzjoni tagħhom għat-talba ta' l-attriċi; u konsegwentement tagħti lill-konvenuti erbat ijiem żmien biex huma jissostitwuha b'oħra konformement għall-ispirtu tal-liġi. L-ispejjeż ta' l-inċident jibqgħu definitivament bejn il-partijiet bla taxxa, imma d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-konvenuti;

Il-kawża tibqa' mħollija għall-10 ta' Mejju 1951.